MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2014

Numru. 179/2012

**Il-Pulizija**

**[Spettur Kylie Borg]**

**vs**

**Joseph Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Bugeja detentur tal-karta tal-identita` numru 418770(M).

Akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn l-24 u l-25 ta’ Novembru 2011, fl-inhawi tal-Valletta Cruise Port fil-Florjana:

1. Gieghel annimali (ziemel) isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, meta ma pprovdiex ilma, ghata ghall-kenn mill-elementi naturali tat-temp u post dicenti fejn jistrieh, ukoll meta rabat l-animal fil-kustodja tieghu b’tali mod ghal tul ta’ hin li kkawzalu dwejjaq, filwaqt li ukoll gie abbandunat wahdu;
2. U aktar talli zam jew qabel li jzomm annimal (ziemel) ghandu u ma kienx responsabbli ghat-trattament tieghu;
3. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta’ probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr A Demicoli LL.D. nhar it-28 ta’ Jannar 2011 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ kundanna, tiskwalifika lill-imputat, sew bhala awtur jew komplici, milli jzomm jew jikseb xi warrant, licenzja, permess jew awtorita` ohra mahruga mill-Gvern jew xi awtorita` pubblika ohra.

Rat li l-imputat ikkontesta l-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens sabiex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz li semghet ix-xhieda kollha inkluz dawk tad-difiza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq abbandun ta' ziemel ghal sighat shah u marbut minghajr l-ebda xorb jew ikel, gewwa l-Belt minn kmieni fil-ghodu allegatament mill-imputat jew min minnu u ghalhekk dan seta' jammonta ghal mohqrija. Dan kollu sar bejn l-24 u l-25 ta' Novembru 2011.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat qal illi kif kien jaghmel xi daqqiet, kien qal lil certu Jesmond Micallef sabiex jiehu z-ziemel tieghu mir-remissa u jiehdu l-Waterfront gewwa l-Belt fejn kellu jarmah hemmhekk sakemm kien jigi aktar tard l-imputat. Illi l-imputat stqarr illi ma kienx jaf li Micallef kien halla liz-ziemel tieghu wahdu ghal sighat shah u kien jaf li dan mhux suppost. Fil-fatt huwa qal ukoll illi minn dakinhar 'il hawn ma kienx hallieh aktar jiehu hsieb liz-zwiemel tieghu.

Xehdu diversi xhieda fosthom ir-rapprezentant tal-Welfare tal-annimali **Joseph Buhagiar** u membri tal-Korp tal-Pulizija tal-kavallerija li kollha xehdu illi dawn tal-ahhar marru fuq il-post il-Waterfront kmieni fil-ghodu ghal habta tat-tlieta (3.00 a.m.) u sabu dawn iz-zwiemel wehidhom u bla kuccier li din il-haga hi kontra l-ligi u possibilment tikkonsisti f'mohqrija tal-annimali. Dawn kienu bin-numru 2, 91 u 98 li wiehed minnhom kien jappartjeni lill-imputat u iehor lill-istess Jesmond Micallef. Il-membri tal-kavallerija xehdu illi sabu lil dawn iz-zwiemel keshin silg

**PS 1444 Kenneth Brignano** li kien mar fuq il-post l-ewwel xehed illi sab iz-zwiemel keshin silg bin-nida li kien hemm dak il-hin tal-gurnata u z-zwiemel kienu qed iduru dawra mejt u jsabbtu saqajhom. Huwa spjega illi dawn ma bdewx jagixxu b'mod normali. PS 14444 zied jixhed illi wara li kien dam jistenna xi ftit, hass illi kellu jinforma lis-sezzjoni tal-kavallerija li kienu marru fuq il-post. Kien hemm qbil ukoll ma' dak li kien qal l-imputat fl-istqarrija illi mill-investigazzjoni preliminari li kienu ghamlu, kien irrizulta illi l-imputat kien halla z-ziemel f'idejn Jesmond Micallef dak in-nhar. Din il-verzjoni kienet ukoll korroborata minn kuccier iehor taz-zwiemel **Emanuel Theuma** li kkonferma li dak in-nhar iz-ziemel ta' Bugeja kien qed jiehu hsiebu Micallef.

Finalment, ghad-difiza xehed **Jesmond Micallef** li kkonferma illi huwa kien illi ha z-ziemel ta' Bugeja dak in-nhar bejn l-24 u l-25 ta' Novembru 2011 u kien hu li rama' l-istess ziemel u li kien hallieh wahdu.

Illi rat id-dokumenti kollha inkluzi r-ritratti esebiti.

Ikkunsidrat illi din il-Qorti temmen il-verzjoni tal-imputat Joseph Bugeja illi minn dejjem il-verzjoni tieghu kienet konsistenti fis-sens illi l-gurnata ta' qabel kien struzzjona lil Jesmond Micallef sabiex jiehu liz-ziemel tieghu u jiehdu l-Waterfront sakemm ma jmur hu.

Il-prosekuzzjoni madanakollu ma rnexxielex tipprova x'kienu ezatt l-istruzzjonijiet li kien ta' Bugeja lil Micallef u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tattribwixxi l-ebda culpa min-naha tal-imputat gialadarba huwa kien halla z-ziemel f'idejn persuna li kienet midhla sew tal-ambjent taz-zwiemel u mhux xi principjant. Li gara kien li ghal xi raguni gara xi haga fejn Micallef kien halla lil dawn iz-zwiemel wehidhom ghal sighat shah. Illi rrizulta wkoll illi Micallef kien gie misjub hati ta' akkuzi identici ghal dawk tal-imputat.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ma tistax ssib htija fil-konfront tal-imputat **Joseph Bugeja** stante li l-akkuzi ma gewx ippruvati u tilliberah minnhom.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------